C/2024/1947

7.3.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/1947)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Vaucluse"

PGI-FR-A1209-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 7.12.2023

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. **Rendiment**

Fil-Kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott - il-punt VI - Ir-rendiment, ir-rendiment massimu għall-inbejjed ħomor u rożè tnaqqas minn 120 hl/ha għal 100 hl/ha.

L-għan huwa li jinsiltu l-konsegwenzi tal-effetti tat-tibdil fil-klima fuq il-produzzjoni tal-inbid tar-reġjun. Ir-rendimenti massimi stabbiliti fl-Ispeċifikazzjonijiet tal-Prodott ma għadhomx jikkorrispondu mar-rendimenti rreġistrati fuq l-art, li huma aktar baxxi fid-dawl tal-effetti tan-nixfa, waħda mill-aktar konsegwenzi rikorrenti tat-tibdil fil-klima f'dan ir-reġjun fix-Xlokk ta' Franza. Il-grupp ta' produtturi xtaq jadatta r-rendiment tad-dwieli għar-realtajiet tal-art sabiex jippreserva l-kwalità tagħhom.

Din il-bidla fir-rendiment taffettwa d-Dokument Uniku taħt l-intestatura "Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid - Rendimenti massimi għal kull ettaru".

2. **Awtorità responsabbli għall-kontroll**

Il-kapitolu III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ġie emendat biex jiġi ssimplifikat il-punt "awtorità responsabbli għall-kontroll" u biex jiġi ppreċiżat li l-kontroll tal-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jitwettaq abbażi ta' pjan ta' spezzjoni approvat u minn korp terz li joffri garanziji ta' kompetenza, ta' imparzjalità u ta' indipendenza li ġie delegat mill-INAO.

Din is-simplifikazzjoni ma taffettwax id-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet għar-reġistrazzjoni**

Vaucluse

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

IĠP – Indikazzjoni Ġeografika Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

Deskrizzjoni organolettika u analitika tal-inbejjed

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

DESKRIZZJONI QASIRA

L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta Vaucluse hija riżervata għall-inbejjed bla gass ħomor, rożè u bojod.

L-inbejjed ħomor huma nbejjed ta' taħlita varjetali. Il-varjetajiet ta' dwieli grenache N, syrah N, merlot N u anki cabernet-sauvignon N huma l-qalba ta' dawn l-inbejjed, li jinstabu li huma d-denominatur komuni tal-aromi ta' frott iswed, ħwawar, noti ta' ġilda u ċikkulata morra, u saħansitra noti ta' bżar. Għandhom kulur li jvarja minn aħmar lewn ir-rubin għal lewn il-granata qawwi b'riflessi fil-vjola.

Fil-bażi tal-inbejjed rożé li ġeneralment ikunu lewn is-salamun ċar, l-użu ta' varjetajiet ta' dwieli bħal grenache N jew cinsault N jipproduċi nbejjed b'aromi ta' frott aħmar.

Il-vivaċità u l-mineralità, in-noti tat-tuffieħ jew tat-tilju jikkaratterizzaw l-inbejjed bojod li ta' spiss jiġu mix-Chardonnay B. Għandhom kulur isfar ċar b'riflessi fl-aħdar, jew kulur dehbi jleqq u nadif.

L-inbejjed li jibbenefikaw mill-Indikazzjoni Ġeografika Protetta Vaucluse, flimkien mal-qawwa alkoħolika attwali minima skont il-volum ta' mill-inqas 9 %, għandhom kontenut (limitu massimu jew limitu) tal-qawwa alkoħolika totali, l-aċidità totali, l-aċidità volatili u d-diossidu tal-kubrit ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	9
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1.

Prattika enoloġika speċifika

Fir-rigward tal-prattiki enoloġiċi, l-inbejjed għandhom jirrispettaw l-obbligi stabbiliti fil-livell Ewropew u fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Rendiment tal-inbejjed bojod

120 ettolitru għal kull ettaru

2. Rendiment tal-inbejjed ħomor u rożè

100 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni u l-produzzjoni tal-inbejjed li jibbenefikaw mill-indikazzjoni ġeografika protetta Vaucluse għandhom isiru fid-département ta' Vaucluse.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Abondant B

Abouriou B

Alicante Henri Bouschet N

Aligoté B

Alphonse Lavallée N

Altesse B

Aléatico N

Aramon N

Aramon blanc B

Aramon gris G

Aranel B

Arbane B

Arinarnoa N

Arriloba B

Arrouya N

Arrufiac B - Arrufiat

Artaban N

Assyrtiko B

Aubin B

Aubin vert B

Aubun N - Murescola

Auxerrois B

Bachet N

Barbaroux Rs

Baroque B

Biancu Gentile B

Blanc Dame B

Bouchalès N

Bouillet N

Bouquettraube B

Bourboulenc B - Doucillon blanc

Brachet N - Braquet

Brun Fourca N

Brun argenté N - Vaccarèse

Béclan N - Petit Béclan

Béquignol N

Cabernet blanc B

Cabernet cortis N

Cabernet franc N

Cabernet-Sauvignon N

Caladoc N

Calitor N

Camaralet B

Carcajolo N

Carcajolo blanc B

Cardinal Rg

Carignan N

Carignan blanc B

Carmenère N

Castets N

Chardonnay B

Chasan B

Chasselas B

Chasselas rose Rs

Chatus N

Chenanson N

Chenin B

Cinsaut N - Cinsault

Clairette B

Clairette rose Rs

Clarin B

Claverie B

Codivarta B

Colombard B

Corbeau N - Douce noire

Cot N - Malbec

Counoise N

Courbu B - Gros Courbu

Courbu noir N

Couston N

Crouchen B - Cruchen

César N

Danlas B

Duras N

Durif N

Egiodola N

Ekigaïna N

Elbling B

Etraire de la Dui N

Feunate N

Floreal B

Folignan B

Folle blanche B

Franc noir de Haute-Saône N

Fuella nera N

Furmint B

Gamaret

Gamay Fréaux N

Gamay N

Gamay de Bouze N

Gamay de Chaudenay N

Ganson N

Gascon N

Genovèse B

Gewurztraminer Rs

Goldriesling B

Gouget N

Graisse B

Gramon N

Grassen N - Grassenc

Grenache N

Grenache blanc B

Grenache gris G

Gringet B

Grolleau N

Grolleau gris G

Gros Manseng B

Gros vert B

Jacquère B

Joubertin

Jurançon blanc B

Jurançon noir N - Dame noire

Knipperlé B

Lauzet B

Len de l'El B - Loin de l'Oeil

Liliorila B

Listan B - Palomino

Lival N

Lledoner pelut N

Macabeu B - Macabeo

Mancin N

Manseng noir N

Marsanne B

Marselan N

Mauzac B

Mauzac rose Rs

Mayorquin B

Melon B

Merlot N

Merlot blanc B

Meslier Saint-François B - Gros Meslier

Meunier N

Milgranet N

Molette B

Mollard N

Monarch N

Mondeuse N

Mondeuse blanche B

Monerac N

Montils B

Morrastel N - Minustellu, Graciano

Mourvaison N

Mourvèdre N - Monastrell

Mouyssaguès

Muresconu N - Morescono

Muscadelle B

Muscardin N

Muscaris B

Muscat Ottonel B - Muscat, Moscato

Muscat cendré B - Muscat, Moscato

Muscat d'Alexandrie B - Muscat, Moscato

Muscat de Hambourg N - Muscat, Moscato

Muscat à petits grains blancs B - Muscat, Moscato

Muscat à petits grains roses Rs - Muscat, Moscato

Muscat à petits grains rouges Rg - Muscat, Moscato

Mérille N

Müller-Thurgau B

Nebbiolo N

Nielluccio N - Nielluciu

Noir Fleurien N

Négret de Banhars N

Négrette N

Ondenc B

Orbois B

Pagadebiti B

Pascal B

Perdea B

Persan N

Petit Courbu B

Petit Manseng B

Petit Meslier B

Petit Verdot N

Picardan B - Araignan

Pineau d'Aunis N

Pinot blanc B

Pinot gris G

Pinot noir N

Pinotage N

Piquepoul blanc B

Piquepoul gris G

Piquepoul noir N

Plant de Brunel N

Plant droit N - Espanenc

Portan N

Portugais bleu N

Poulsard N - Ploussard

Prior N

Prunelard N

Précoce Bousquet B

Précoce de Malingre B

Raffiat de Moncade B

Ribol N

Riesling B

Riminèse B

Rivairenc N - Aspiran noir

Rivairenc blanc B - Aspiran blanc

Rivairenc gris G - Aspiran gris

Romorantin B - Danery

Rosé du Var Rs

Roublot B

Roussanne B

Roussette d'Ayze B

Sacy B

Saint Côme B

Saint-Macaire N

Saint-Pierre doré B

Sauvignon B - Sauvignon blanc

Sauvignon gris G - Fié gris

Savagnin blanc B

Savagnin rose Rs

Sciaccarello N

Segalin N

Select B

Semebat N

Semillon B

Servanin N

Soreli B

Souvignier gris Rs

Sylvaner B

Syrah N - Shiraz

Tannat N

Tempranillo N

Terret blanc B

Terret gris G

Terret noir N

Tibouren N

Tourbat B

Tressot N

Trousseau N

Téoulier N

Ugni blanc B

Valdiguié N

Velteliner rouge précoce Rs

Verdejo B

Verdesse B

Vermentino B - Rolle

Vidoc N

Viognier B

Voltis B

Xinomavro N

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

8.1. *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

Id-département ta' Vaucluse, fuq ix-xatt tax-xellug tar-Rhône, fin-Nofsinhar tal-wied ta' Rhône, li ta l-isem tiegħu lill-IĠP Vaucluse, huwa marbut mar-reġjun Provence-Alpes-Côte d'Azur, li jinsab fix-Xlokk ta' Franza. Huwa jinsab fil-konfini tad-départements ta' Gard (fil-Punent), ta' Ardèche (fil-Majjistral), ta' Drôme (fit-Tramuntana), ta' Alpes de-Haute-Provence (fil-Lvant), ta' Var (il-kuntatt fuq distanza żgħira) u l-Bouches-du-Rhône lejn in-Nofsinhar.

Il-konfini amministrattivi tad-département ta' Vaucluse huma fil-biċċa l-kbira naturali peress li nsibu x-xmara Rhône lejn il-Punent (mill-belt ta' Bollène fit-Tramuntana), sal-konfluwenza max-xmara Durance fin-Nofsinhar, ix-xmara Calavon fil-Lvant, ix-xmajjar Toulourenc u Aigues fit-Tramuntana. Inkella l-limiti jkunu tfasslu jew ikunu storiċi (eż.: il-canton ta' Valréas huwa enklava ta' Vaucluse li jinsab fid-département li jmiss maż-żona ta' Drôme).

Id-département għandu kuntrast qawwi bejn żewġ tipi ta' reġjuni naturali, jiġifieri l-pjanuri u r-riżalti muntanjużi tal-madwar.

Il-pjanuri (madwar 45 % tad-département) jinsabu prinċipalment fil-parti tal-Punent. L-iktar importanti hija dik tal-Comtat Venaissin, li, b'estensjoni, tkopri l-pjanura alluvjali ta' Rhône, il-pjanuri ta' Orange, il-pjanuri alluvjali fil-wied ta' isfel ta' Durance. Għal din l-entità huma konnessi f'kemm ramifikazzjonijiet, il-pjanuri alluvjali ta' Durance (minn Cavaillon sa Pont-de-Mirabeau), il-wied ta' isfel ta' Calavon ('l isfel minn Beaumettes), il-widien medji ta' Aigues u ta' Ouvèze.

Ir-riżalt huwa ddominat mill-muntanja Ventoux (1 909 m) fit-Tramuntana / Grigal tad-département, li huwa parti minn linja ta' xfar orjentata lejn il-Punent-Lvant. L-inklinazzjoni tan-Nofsinhar ta' dan is-"sinjal" tiġi estiża bil-medda ta' art ta' Albion jew Saint-Christol (l-altitudni tinkludi bejn 600 u 1 200 m), imdawra, fin-Nofsinhar, mill-muntanji ta' Vaucluse (l-ogħla punt: 1 256 m). Ir-riżalt l-aktar fin-Nofsinhar, fin-Nofsinhar tal-għadira ta' Apt, hija l-muntanja ta' Lubeon li titla' 1 125 m.

Il-konnessjoni bejn il-pjanuri u l-muntanji hija żgurata minn riżalti ġeneralment tal-blat li joħorġu mill-pjanuri, u li b'ħekk jiġu jaċċentwaw il-kuntrasti topografiċi. L-aktar eżempju notevoli huwa l-massif ta' Suzette fejn isorġu d-Dentelles de Montmirail (altitudni medja ta' 500 m).

Ġeoloġikament, il-prevalenza tal-oriġini sedimentarja tal-ħamrija hija b'saħħitha, li tvarja mit-Triassiku sal-Kwaternarju. Ta' min jinnota l-eċċezzjoni marġinali ħafna (f'Luberon) minħabba l-preżenza ta' Lherzolite, blat endoġenu bażiku ta' oriġini vulkanika.

Id-département ikopri żewġ żoni ġeoloġiċi distinti ħafna: il-kuritur ta' Rhône jikkonsisti fi pjanuri u fil-Lvant ta' Provence subalpina, jikkonsisti f'riżalti bħall-muntanja ta' Ventoux, il-muntanja ta' Lure, il-medda ta'art ta' Albion u ta' Saint-Christol, il-muntanji ta' Vaucluse u l-massif ta' Luberon. Minħabba r-riħ qawwi li jaħkmu mill-Majjistral, il-kuritur ta' Rhône jippromwovi kundizzjonijiet ta' saħħa tajba ħafna kontra l-moffa u l-moffa żajbrija. Hemmhekk jippredominaw l-alluvjonijiet riċenti jew antiki mir-Rhône, tal-Basse-Durance u t-tributarji tagħhom (Lez, Aigues, Ouvèze, Sorgues, Calavon). Iż-żona subalpina tikkonsisti prinċipalment minn serje ħoxna ħafna ta' ġebla tal-franka, faċċetta partikolari liema minnhom, għandha rwol morfoloġiku, tettoniku u idroġeoloġiku importanti. Dan ir-reġjun subalpin ta' Provence jippreżerva d-dielja mid-defiċits tal-ilma u joffrilha varjazzjonijiet interessanti fit-temperatura.

Minħabba l-pożizzjoni ġeografika tiegħu, id-département ta' Vaucluse huwa influwenzat minn tlieta mill-erba' klimi ewlenin fi Franza: il-klima Mediterranja għall-parti tan-Nofsinhar tagħha, il-klima tal-muntanji għall-parti tal-Grigal tagħha (il-muntanji ta' Vaucluse u l-massif tal-Baronnies) u l-influwenza kemxejn relattiva tal-klima semikontinentali għall-parti tal-Majjistral tagħha. Madankollu, dawn l-influwenzi huma mtaffija bi predominanza ċara tal-klima Mediterranja, bil-garanzija ta' fertilizzazzjoni tajba tad-dwieli.

Il-medja annwali ta' xemx hija importanti. Ix-xita hija mifruxa b'mod mhux uniformi matul is-sena, relattivament iffukata fuq l-istaġuni tal-ħarifa u x-xitwa. Il-Majjistral għandu rwol importanti f'din il-klima, riħ kiesaħ u niexef li ġej mit-Tramuntana, b'veloċitajiet li huma regolarment qrib il-100 km/h f'buffuri. B'mod partikolari, jippermetti l-konċentrazzjoni ta' frott artab fi żmien il-maturazzjoni u joffri kundizzjonijiet ottimali għall-ġlieda kontra l-mard kriptografiku matul iċ-ċiklu veġetattiv.

8.2. *Speċifiċità tal-prodott*

Fil-bidu tas-seklu 21, l-inbejjed bl-IĠP Vaucluse huma ddikjarati fil-ħsad għal madwar 200 000 ettolitru, li minnhom 40 sa 45 000 ettolitru għandhom il-possibbiltà li jindikaw iż-żona tal-"Principauté d'Orange" u 5 sa 6 000 ettolitru fiż-żona ta' "Aigues".

Fid-département, il-kultura vitikulturista għadha marbuta ferm mal-produzzjoni ta' għeneb iswed u mal-produzzjoni ta' nbejjed ħomor. Dan jirriżulta f'din id-distribuzzjoni medja li ġejja: 45 sa 50 % tal-volumi prodotti f'inbid aħmar, 30 sa 35 % f'inbid rożé u 15 sa 20 % f'inbid abjad.

L-inbejjed tal-IĠP jiġu prodotti minn firxa ta' varjetajiet ta' għeneb u b'hekk joffru varjetà aromatika wiesgħa:

— il-varjetajiet tal-għeneb cinsault N, clairette B, bourboulenc B kollha kemm huma twieldu fil-vinji Franċiżi Mediterranji,

— il-grenaches B u N, il-carignan N u l-mourvèdre N ta' oriġini Iberika,

— is-syrah N, il-viognier B u sa ċertu punt (f'erjas ikkultivati), ir-roussanne B, il-marsanne B, li l-oriġini tagħhom hija mmarkata fuq in-naħa ta' Dauphiné.

— l-ugni B, li l-aktar oriġini probabbli tiegħu hija t-Toskana.

Il-produtturi, madankollu, xtaqu u rnexxielhom jiddiversifikaw il-varjetajiet ta' dwieli billi introduċew varjetajiet ta' dwieli ġodda fis-snin 80, għall-biċċa l-kbira tal-varjetajiet "rikonoxxuti" fis-suq dinji, bħall-cabernet-sauvignon N, il-merlot N, ix-chardonnay B, is-sauvignon B, iżda wkoll il-vermentino B, u l-varjetajiet ta' dwieli ibridi miksuba aktar reċentement, b'karatteristiċi daqstant interessanti bħax-chasan B, il-marselan N, u l-caladoc N. Għalhekk il-varjetajiet ta' dwieli ħomor, bħall-merlot N, il-cabernet-sauvignon N, jistgħu jintużaw biex jappoġġaw il-formazzjoni u l-istruttura ta' nbejjed meta ma jkunux speċifikament immirati lejn il-produzzjoni ta' nbejjed "varjetali".

Għall-inbejjed rożè, il-maċerazzjonijiet qosra ħafna, jew saħansitra l-għasir dirett qegħdin jintużaw dejjem aktar biex joffru nbejjed rożè bi lwien dejjem aktar pallidi.

Il-produtturi joffru wkoll firxa varjata ta' nbejjed "varjetali" inklużi l-cabernet-sauvignon N, il-merlot N, il-caladoc N, il-marselan N, ix-chardonnay B, ir-roussanne B, il-viognier B.

Fl-inbejjed ħomor, il-varjetajiet ta' dwieli grenache N, syrah N, merlot N u anki cabernet-sauvignon N jiffurmaw il-qalba tal-bażi ta' dawn l-inbejjed, li fihom id-denominatur komuni ta' aromi ta' frott iswed, ta' ħwawar, ta' noti ta' ġilda u ċikkulata morra, u saħansitra ta' noti ta' bżar.

Fuq il-bażi tal-inbejjed rożé, l-użu ta' varjetajiet ta' dwieli bħal grenache N jew cinsault N jagħtu lill-inbejjed aromi ta' frott aħmar.

Il-vivaċità u l-mineralità, in-noti tat-tuffieħ jew tat-tilju jikkaratterizzaw lill-inbejjed bojod li ta' spiss ikunu ġejjin mix-chardonnay B.

8.3. *Rabta kawżali bejn l-ispeċifiċità taż-żona ġeografika u l-ispeċifiċità tal-prodott*

Aktar minn nofs l-irħula ta' Vaucluse jgħixu mid-dwieli, bis-saħħa tal-vitikulturisti marbutin mal-art tagħhom, kemm jekk jiġu rreġistrati bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta kif ukoll bħala indikazzjoni ġeografika protetta. Frott l-għarfien tal-antenati, il-produtturi tal-inbid kienu jafu jiddiversifikaw il-prodotti tagħhom matul is-snin. Għalhekk, f'Vaucluse, hemm riżervat post importanti għall-produzzjoni ta' nbejjed IĠP li jgawdu minn domanda qawwija fil-livell lokali bis-saħħa tat-turiżmu żviluppat b'mod partikolari f'din iż-żona ġeografika. Il-fama tal-inbejjed DOK prodotti f'dan id-département imorru id f'id mar-reputazzjoni tal-inbejjed IĠP li huma rikonoxxuti għall-varjetà aromatika tagħhom. Din il-produzzjoni ta' nbejjed b'indikazzjoni ġeografika tinsab prinċipalment fil-qalba taż-żoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini ta' Luberon u Ventoux.

Id-dwieli huma mħawla fuq ħamrija li tibbenefika minn tiswin tajjeb u skular ottimali. Jinkoraġġixxu l-produzzjoni ta' għeneb ta' kwalità.

Dawn id-dwieli jibbenefikaw ukoll mill-kombinazzjoni tad-diversi influwenzi klimatiċi li jagħtu lill-inbejjed struttura bbilanċjata u espressjoni aromatika eċċezzjonali. Il-klima Mediterranja, bis-saħħa tax-xemx qawwija tas-sajf u tad-dawl tajjeb tikkundizzjona l-maturità tal-għeneb u l-iżvilupp tajjeb tal-prekursuri aromatiċi. Fil-viċinanza tar-riżalti, il-klima qed twassal għal varjazzjonijiet kbar fit-temperatura matul il-lejl u bi nhar, u tiffavorixxi l-produzzjoni ta' nbejjed friski u tal-frott, bis-saħħa ta' evoluzzjoni bil-mod tal-polifenoli tal-għeneb. L-azzjoni tar-riħ li jnixxef jiżgura l-protezzjoni tal-għeneb kontra l-mard fungali.

Ir-reputazzjoni tal-inbejjed hija riflessa kull sena f'kumpens f'kompetizzjonijiet reġjonali u nazzjonali bħall-kompetizzjoni ġenerali agrikola (erba' midalji tad-deheb u ħamsa tal-fidda fl-2014). L-inbejjed tal-IĠP Vaucluse huma wkoll imsemmija fil-livell nazzjonali fil-Guide Hachette des Vins (55 inbid magħżula, żewġ favoriti, inbid wieħed ta' tliet stilel, żewġ inbejjed ta' żewġ stilel, 30 inbid ta' stilla waħda fl-2013) iżda wkoll fuq skala internazzjonali fil-Wine Advocate Parker (erba' nbejjed klassifikati Decanter għas-sena 2007) u l-gwida Bettane u Desseauve.

Il-produzzjoni ta' nbejjed b'Indikazzjoni Ġeografika hija parti mit-tradizzjoni, l-għarfien ta' popolazzjoni vitikulturista li tixtieq - u li għandha neċessarjament - toffri firxa wiesgħa li tissodisfa l-eżiġenzi kollha tas-suq.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (imballaġġ, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata ddefinita permezz tad-deroga għall-vinifikazzjoni u l-produzzjoni tal-inbejjed li jibbenefikaw mill-indikazzjoni ġeografika protetta Vaucluse hija magħmula mid-distretti li jmissu maż-żona ġeografika (id-département ta' Vaucluse), jiġifieri:

fit-Tramuntana, fil-konfini mad-département tad-Drôme: l-arrondissement ta' Nyons,

fil-Lvant, fil-konfini mad-département tal-Alpes de Haute-Provence: l-arrondissement ta' Forcalquier,

fil-Lvant, fil-konfini mad-département ta' Var: l-arrondissement ta' Brignoles,

fin-Nofsinhar, fil-konfini mad-département ta' Bouches-du-Rhône: l-arrondissements ta' Arles u ta' Aix-en-Provence,

fil-Punent, fil-konfini mad-département ta' Gard: l-arrondissement ta' Nîmes,

fil-Majjistral, fil-konfini mad-département tal-Ardèche: l-arrondissement ta' Privas.

Qafas legali:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

L-indikazzjoni ġeografika protetta Vaucluse tista' tiġi ssupplimentata:

mill-isem ta' varjetà ta' dwieli waħda jew aktar,

mit-termini "bikri" jew "ġdid",

bl-isem tal-unitajiet ġeografiċi iżgħar li ġejjin, skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott: “Aigues”, “Principauté d’Orange”.

Il-logo “IĠP” tal-Unjoni Ewropea għandu jidher fuq it-tikketta meta l-kliem “Indication Géographique Protégée” (Indikazzjoni Ġeografika Protetta) jiġi ssostitwit bil-kliem tradizzjonali “Vin de Pays” (Inbid Lokali).

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

http://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-ea945faf-27fe-47a6-a65e-83dd7ff7fd05